Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,653, 11 ta' Awissu, 1998
Taqsima B

A.L. 194 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1995 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1995 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1995 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Mejju 1997 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Ħassar il-paragrafu (7) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok il-paragrafu (9) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(9) Kandidat li jeħel f'xi karta ta' l-Eżamijiet Finali Sinottiċi jista' jitħalla jerġa' jagħmel il-karta jew karti li weħel fihom fis-Sessjoni Supplimentari ta' Settembru. Jekk jerġa' jeħel huwa għandu jkun meħtieġ jerġa' jagħmel il-karti kollha ta' l-Eżamijiet Finali Sinottiċi f'Ġunju tas-sena ta' wara, bil-possibilta' li jerġa' jagħmel il-karta jew karti li jeħel fihom f'Settembru. Jekk jgħaddi, l-kandidat jista' jikseb biss il-grad Għadda."

5. Innumera mill-ġdid il-paragrafi (8) u (9) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali bħala l-paragrafi (7) u (8).